**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 03/11(27_04_11).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 27 t' April 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku u s-Sur Patrick Grima – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 t' April 2011.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Il-Festa tal-Munxar 2011.
6. Eku mill-Munxar…dari u llum – Festival ta' Baned.
7. Sejħa għall-offerti – *Public Private Partnership* fuq Toroq.
8. Monument lill-Professur Ġużè' Aquilina.
9. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
10. Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
11. Rapport tas-Sindku.
12. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
13. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
14. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 18/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24294 rigward dawk il-proġetti kapitali li qed jagħmlu kull Kunsill Lokali.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 19/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24314 rigward dawk l-entitajiet/awtoritajiet governattivi li jdumu biex iwieġbu għall-ilmenti mressqa mill-Kunsilli Lokali fi żmien speċifiku.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 20/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24317 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li fil-preżent qed jibbenefikaw minn xi inizjattiva/skema/fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 21/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24323 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li ngħataw għajnuna sabiex jibnu uffiċini jew ċentru ċiviku.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 22/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24523 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom Ċentru għall-Komunita'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 23/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24458 rigward ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' toroq li saru fil-Kunsilli Lokali t' Għawdex mill-istess Kunsilli f' dawn l-aħħar sentejn.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 24/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24446 rigward dawk il-Kunsilli li rnexxielhom iġibu għajnuna mill-fondi tal-Unjoni Ewropea matul is-snin 2005, 2006, 2007, 2008, 2009 u 2010.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 25/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24447 rigward dawk il-Kunsilli Lokali li applikaw għall-għajnuna mill-Unjoni Ewropea.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 26/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Kuntratti mogħtija mill-Kunsilli Lokali fl-2010'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 27/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24958 b' referenza għall-Mistoqsija Parlamentari 12023 rigward il-*job description* tal-*Community Workers* li qed jaħdmu fil-Kunsilli Lokali.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 28/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 25055 rigward dawk il-Kumpaniji li għamlu xogħol ta' konsulenza mal-Kunsilli Lokali f' Għawdex sena b' sena, bejn l-1999 u l-2010 u kemm kien il-ħlas li sar f' kull każ.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 29/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Stemmi Ġodda – Kumitati Reġjonali u Kumitati Amministrattivi'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 30/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Korrispondenza lid-Dipartiment'.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 31/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 25174 rigward x' nefqu l-Kunsilli Lokali, lokalita' b' lokalita' f' xiri ta' kotba u investimenti oħra fil-librerija pubblika tal-lokalita' mill-1999 sal-lum sena b' sena.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 32/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 25420 rigward il-flus li ntnefqu f' *patching* matul is-sena 2010 mill-Kunsilli Lokali kollha f' Malta u f' Għawdex, kunsill kunsill.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 33/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 25421 rigward il-flus li ntnefqu f' safar matul is-sena 2010 mill-Kunsilli Lokali kollha f' Malta u Għawdex, kunsill kunsill.

2.17 Il-Kunsill irċieva Memo 34/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Monitoraġġ tal-Użu tas-Sistema tal-*Customer Care*'.

2.18 Il-Kunsill irċieva Memo 35/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Sit Elettroniku tad-Dipartiment - Memos Aktar Aċċessibbli'.

2.19 Il-Kunsill irċieva Memo 36/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Rapporti Pubbliċi fuq www.lc.gov.mt'.

2.20 Il-Kunsill irċieva Memo 37/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Template* tal-Iskeda tal-Ħlasijiet'.

2.21 Il-Kunsill irċieva Memo 38/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Il-50 Anniversarju mill-Mewt ta' Dun Karm Psaila'.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Policy Coordinator*, fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi għall-attivita' fejn ser jiġu pprezentati d-donazzjonijiet li nġabru għall-Malta Community Chest Fund lill-President ta' Malta fl-4 ta' Marzu 2011, fil-Palazz ta' San Anton.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Policy Coordinator*, fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward 'Festa Ġemellaġġi 2011'.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward it-*Tenders,* fejn saret referenza għall-Avviż Legali 255 ta' l-2009.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Coastal & Marine Union – EUCC rigward il-'QualityCoast programme for sustainable tourism destinations: Invitation to the destination's Council & National Government'.

2.26 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 21/2011 rigward il-'Laqgħa għas-Sindki – 20 u 21 ta' Mejju 2011, Lukanda Dolmen, Qawra'.

2.27 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand in-National Commission for the Promotion of Equality sabiex il-Kunsill jattendi għas-7$^{th}$ Annual Conference fit-23 ta' Marzu 2011, fil-Mediterranean Conference Centre, Valletta.

2.28 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 22/2011 li hija stedina għad-Djalogu Pubbliku dwar il-Benefiċċji ta' l-Attivitajiet ta' wara l-Iskola fit-22 ta' Marzu 2011, f' Dar l-Ewropa, Valletta mill-Konfederazzjoni tal-Għaqdiet tan-Nisa Maltin fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju taċ-Ċelebrazzjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Mara.

2.29 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed iwassal ittra mingħand il-Managing Director tat-TCTC rigward 'Social Networking Workshop for Local Councils'.

2.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal stedina mingħand is-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu, l-Ambjent u l-Kultura flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika għal-laqgħa fejn ser tkun diskussa l-Politika Nazzjonali għall-Ambjent u l-Kunsilli Lokali fil-25 ta' Marzu 2011, fil-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi bħala parti mill-Konsultazzjoni dwar il-Politika Nazzjonali għall-Ambjent.

2.31 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kap tad-Dipartiment tal-*Public Policy*, fl-Universita' ta' Malta għal *Seminar* Nazzjonali dwar il-ħidma tal-Kunsilli Lokali intitolat 'Id-Devoluzzjoni tal-Poter: Bejn Ħolma u Realta`' fid-9 t' April 2011, fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

2.32 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 25/2011 rigward il-Proġett tal-'Europe for Citizen', jismu INTACT.

2.33 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumitat Organizzattiv Girgenti 2011 fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward l-attivita' fejn il-Palazz ta' l-Inkwiżitur fil-Girgenti li huwa wkoll ir-Residenza Uffiċjali tal-Prim Ministru ser ikun miftuħ għall-pubbliku fid-9 u 10 t' April 2011. Din l-attivita' ser tiffoka fuq it-tema Saħħa Mentali għal Ħajja Aħjar.

2.34 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex l-Aġenda tas-seba' laqgħa ta' dan il-Kumitat. Irċieva wkoll mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fil-5 ta' Jannar 2011 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.35 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Eures Manager, Eures Malta rigward il-'Jobs and Training Fair - Employment Opportunities in Malta and Abroad' li ser tiġi organizzata bil-kollaborazzjoni ma' l-ETC fil-25 u 26 ta' Marzu 2011, fil-Mediterranean Conference Centre, Valletta.

2.36 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni Temi Zammit rigward ir-RIMED (Responsible Industries of the Mediterranean) Project, fil-European Union Interreg 4B MED Programme. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi għall-attivita' sabiex issir *open discussion* u jiżdied l-għarfien dwar il-Corporate Social Responsibility f' Malta fit-30 ta' Marzu 2011, f' Dar l-Ewropa, Valletta.

2.37 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Kap tat-Taqsima tal-Kultura u Informazzjoni, Ministeru għal Għawdex sabiex il-Kunsill jattendi għall-*Business Breakfast* fis-6 t' April 2011, fiċ-Ċentru għall-Kultura u Arti fiċ-Ċittadella. Ser issir preżentazzjoni importanti u jitħabbru mezzi ta' komunikazzjoni ġodda bejn l-Uffiċċju tal-Kultura fil-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsilli Lokali Għawdxin fit-tisħiħ tal-programm kulturali għal Għawdex. Id-diskussjoni ser tittratta l-kalendarju kulturali, l-Karnival u inizjattivi kulturali ġodda bis-sehem tal-Kunsilli Lokali.

2.38 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali b' referenza għall-Memo 38/2008 – Skema dwar Proġetti *Energy Saving* u fejn qiegħda titwassal *e-mail* mibgħuta mill-Malta Resources Authority rigward in-'National Energy Efficiency Action Plan'.

2.39 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward il-'UIF (Urban Improvement Fund) Statement of Funds' sa l-aħħar ta' Jannar 2011.

2.40 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Cultural Contact Point Malta sabiex il-Kunsill jattendi għas-*Seminar* 'Keys to CULTURE – Developing Cooperation Projects for the Culture Programme' fl-20 t' April 2011 kif ukoll għall-*briefing sessions* fl-4 u 5 t' April 2011, fl-Auberge d' Italie, Valletta.

2.41 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand il-Malta Institute of Management (MIM) sabiex il-Kunsill jipparteċipa għall-*forum* 'The MIM National Economic Forum – a Better Managed Malta', fil-5 ta' Mejju 2011.

2.42 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Policy Coordinator*, fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward 'Festa Ġemellaġġi 2011/Jum l-Ewropa'.

2.43 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *e-mail* li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet lit-Transport Malta rigward 'Bus Shelters as at 27/03/2011'.

2.44 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF00146/11 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq San Xmun u Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi, minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mhux skont il-permess PA873/06 datat 16 ta' Marzu 2007 u li jikkonsisti f' varjazzjonijiet fit-tqassim tal-bini u disinn tal-faċċata kif ukoll għandu l-bieb tat-*tunnel* (*level basement* – 3) jiftaħ 'il barra.

2.45 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand it-Transport Malta sabiex il-Kunsill jattendi għas-*Seminar* dwar l-Electric Mini Cab Services fis-16 t' April 2011, fil-Westin Dragonara Hotel, San Ġiljan.

2.46 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Policy Coordinator*, fis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika rigward il-'Europe Day'.

2.47 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċċju Elettorali rigward 'Reġistru Elettorali Ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern'.

2.48 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand in-National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) rigward pubblikazzjonijiet li l-NCPE ippubblikat bħala parti mill-proġett 'VS/2009/0405 Strengthening Equality Beyond Legislation'.

2.49 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi rigward proġett li qed jamministraw relatat ma' *Parental Empowerment*. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jgħin fil-*promotion* ta' dan il-proġett billi iwaħħal il-*poster* li pprovdu f' postijiet prominenti għall-pubbliku u jwasslilhom xi *queries* li jista' jkun hemm.

2.50 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Kumitat ta' Puttinu Cares f' Għawdex rigward attivitajiet li ser jiġu organizzati sabiex jinġabru fondi għal Puttinu Cares. Il-Kunsill ġie mħeġġeġ sabiex jorganizza xi attivita' ta' l-għażla tiegħu u l-fondi miġbura jiġu ppreżentati waqt iċ-Ċerimonja tal-ftuħ fis-6 ta' Mejju 2011, fis-Santwarju ta' Pinu.

2.51 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Għaqda Maltija tal-Ortikultura rigward il-Wirja Annwali tagħha bl-isem ta' 'The Great Spring Show' fl-14 u 15 ta' Mejju 2011, organizzata fil-ġonna, fil-Kappella Russa u parti fil-Palazz ta' San Anton, Ħ' Attard.

2.52 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill Lokali tal-Gżira rigward Summer Music Nights fix-Xatt tal-Gżira li ser ikunu organizzati darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' Ħamis għal tmien ġimgħat konsekuttivi, bl-ewwel attivita' tkun imtella' fl-14 ta' Lulju 2011.

2.53 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The European Institute of Education (eie) Group rigward l-'eie Events – CFO Conference'.

2.54 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Council for Economic and Social Development (MCESD) rigward is-*Seminar* u t-*Training* li ser jorganizzaw bl-isem ta' 'Social and Civil Dialogue to Better European and Local Governance' fil-5 u 6 ta' Mejju 2011, fil-Lukanda Excelsior, Floriana.

2.55 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Team tal-Produzzjoni tal-Programm KONFINI fuq ONE TV rigward 'Konfini mill-Pjazza – Opportunita' lill-Kunsilli Lokali'.

2.56 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Management Efficiency Unit, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-'Customer Care System – refresher training' flimkien ma' korrispondenza li għaddiet bejnu u bejn id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan ir-rigward.

2.57 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward il-'UIF (Urban Improvement Fund) Statement of Funds' sa l-aħħar ta' Frar 2011.

2.58 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur (Tourism), fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-Final Report and Appendices for the Workshop/Seminar fl-1 t' April 2011, bit-tema 'Rediscovering Malta – Enhancing Visitor Itineraries'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ma jarax li għandu jkun hemm problema biex individwu jingħata wkoll l-ispejjeż tar-rapport tal-Pulizija. L-importanti, li l-individwu jiffirma dikjarazzjoni fejn jiddikjara li dak huwa l-uniku kumpens li qed jieħu u li ma għamel l-ebda talba ma' xi *insurance* jew organizzazzjoni oħra għal xi kumpens ieħor rigward l-istess inċident.

3.02 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Memo 121/2010 – Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011. Il-Bord ta' Evalwazzjoni approva l-attivita' 'A Healthier Community through Sport (exercise and fun games for youngsters and fitness exercises for adults)'. Il-Kunsill ser jingħata s-somma totali ta' €1,190 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u mill-Kunsill Malti għall-Isport.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kunsill tal-Istudenti, Skola Primarja Sannat. Fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju mit-twelid tal-Professur Ġużè' Aquilina, l-Kunsill tal-Istudenti ser jieħu inizjattiva biex itella' diversi attivitajiet f' ġieħ il-Professur. Fost id-diversi suġġerimenti li ħareġ bihom il-Kunsill tal-Istudenti hu li fir-Resource Centre, li ġiet inawgurata riċentament, tiżżejjen b' aktar kotba Maltin u li jinxtraw mill-Kunsill Lokali.
Peress li l-Kunsill Lokali ma jistax jagħti donazzjonijiet, ser jiġi kkunsidrat li l-Iskola tintalab ittella' wirja dwar il-Profs. Aquilina fl-attivita' Eku mill-Munxar…dari u llum – Festa ta' Baned li ser issir fil-21 ta' Mejju 2011.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex. Il-NAG qiegħed jippjana u jittama li għall-okkażjoni ta' għeluq il-Ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex issir esibizzjoni ta' ritratti u dokumenti relattivi mal-Kunsill. Għall-okkażjoni ser joħroġ b' tifkira *set* bil-kulur ta' għoxrin kartolina bl-armi tal-belt, tal-lokalitajiet u tal-komunitajiet kollha ta' Għawdex. Biex il-proġett iseħħ hu meħtieġ li kull Kunsill u Kumitat Amministrattiv joħroġ €65 kull wieħed u ser jiġu stampati 500 *set*. Ġie deċiż li l-Kunsill jipparteċipa jekk Kunsilli oħra jipparteċipaw.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed tfaħħar l-inizjattiva tal-Kunsill li jiftaħ latrini pubbliċi fi Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina. Din qed tissuġġerixxi li jsir *nappy changer* u żgur tkun apprezzata mill-familji. Il-Kunsill qabel li jsir dan in-*nappy changer*.

3.06 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Wise Owl Publications offerta ta' kotba bi prezz vantaġġuż ta' €200 minflok €400. Il-Kunsill m'huwiex obbligat li jixtri. Ġie deċiż li l-Kunsill ma jaċċettax din l-offerta.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li qed tissuġġerixxi li t-tfal tar-raħal li esibixxew il-karrijiet tagħhom jixirqilhom jingħataw kumpens biex nerġgħu nħeġġuhom jagħmlu l-karrijiet għas-sena d-dieħla għax wara kollox dan huwa talent lokali. Għalkemm il-Kunsill jaqbel mas-suġġeriment, għal din is-sena ma jistax isir peress li biex isir hekk trid tkun imħabbra minn qabel. Il-Kunsill ħa nota sabiex ikun jista' jsir hekk is-sena d-dieħla.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 03/11(27_04_11).

**5.00 Il-Festa tal-Munxar 2011.**

5.01 Il-Kunsill ma jistax jiddiskuti dwar x' attivitajiet jista' jorganizza fil-jiem tal-Festa peress li l-Parroċċa għadha ma ħarġitx il-programm. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment sabiex inkunu ggwidati dwar dak li jkun ippjanat li jsir mill-Kunsill. Is-Sindku għandu jikteb lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

5.02 Bħas-snin l-imgħoddija, l-Kunsill ser ixandar il-Festa ta' barra u ta' ġewwa permezz ta' *web streaming*.

**6.00 Eku mill-Munxar…dari u llum – Festival ta' Baned.**

6.01 Dan il-Festival ser isir is-Sibt, 21 ta' Mejju 2011 fil-Pjazza tal-Munxar. Kienet saret laqgħa sabiex jiġi mfassal il-Programm. F' dan il-Festival ser ikun hemm tliet baned u Youth Band li ttellgħu bix-xorti mill-Għaqda Każini tal-Banda. Dawn huma: Soċjeta' Filarmonika Victory – Xagħra, Soċjeta' Filarmonika Mnarja – Nadur, l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni – Għarb u St. Joseph Youth Band – Qala. Dawn ser idoqqu mat-toroq u jaslu sal-Pjazza tal-Munxar. Ser ikun hemm *stands* b' memorabilja tal-Baned Għawdxin, bi snajja lokali u ikel tradizzjonali. Il-baned ser jitħallsu €720 'il waħda, *stands* mhux kummerċjali €100 u *stand* tal-*pottery* €150. Ser ikun hemm ukoll wirja ta' kollezzjonijiet.

Peress li kienu saru t-8.30 ta' filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tnejn, 2 ta' Mejju 2011, fis-2 ta' wara nofsinhar bl-istess Aġenda.

Il-Kunsill reġa' ltaqa' nhar it-Tnejn, 2 ta' Mejju 2011, fis-2 ta' wara nofsinhar.

Preżenti kien hemm; is-Sur Joseph Sultana – Sindku, s-Sur Mario Camilleri – Kunsillier, is-Sur Patrick Grima – Kunsillier u s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku u s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

**7.00 Sejħa għall-offerti – *Public Private Partnership* fuq Toroq.**

7.01 Il-Kunsill Lokali tal-Munxar ħareġ l-offerta RR/01/2011 – Public Private Partnership on Road Resurfacing bid-data ta' l-għeluq ta' nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Frar 2011. Peress li l-Perit ma kienx għadu lesta l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa, d-data ta' l-għeluq kellha titwal b' xahar u għalhekk saret nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Marzu 2011.

Fit-Tnejn, 28 ta' Marzu 2011 infetħet il-kaxxa ta' l-offerti fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Anthony Grech, is-Sindku s-Sur Joseph Sultana u l-Kunsillier is-Sur Mario Camilleri fejn instabu żewġ offerti.

L-offerta ta' Gatt Tarmac Ltd. hija:

Option A – Payment over 8 years - €434,289.80
Provisional Items – €3,715.49
Option B – Payment over 2 years - €347,449.50
Provisional Items – €2,972.39
Kien hemm anness il-Programme of Works li skontu x-xogħol għandu jsir f' 37 ġimgħa.

L-offerta ta' Road Construction Co. Ltd. hija:

Option A – Payment over 8 years - €439, 948.30
Provisional Items – €3,721.74
Option B – Payment over 2 years - €353,716.00
Provisional Items – €3,127.48
Ma kienx hemm anness il-Programme of Works.

7.02 Fid-29 ta' Marzu 2011, il-Kunsill kiteb lid-Direttur għall-Gvern Lokali u informah bir-rati li l-Kunsill irċieva fis-sejħa għall-offerti. Il-Kunsill kien ser jerġa' jiddiskuti dwar dan il-proġett hekk kif jirċievi mingħand id-Dipartiment.

**8.00 Monument lill-Professur Ġużè' Aquilina.**

8.01 Il-Kunsill irċieva din l-istima għall-manifattura tal-mafkar:

*Artist fee – Bust* €800 u *full size* €3,500.

*Casting – Bronze* – 80% *Copper* 20% *tin* (*excluding VAT and Taxes*) – *Bust* €1,500 u *shipping* €500. *Full size* €15,000 u *shipping* €1,000.

*Casting – Bonded bronze – Bust* €900 u *full size* €4,000.

Il-Padestal tal-ġebel tal-qawwi m'huwiex inkluż fil-prezzijiet t' hawn fuq.

**9.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

9.01 Saru xi toqob għall-arbli tal-Festa fil-Pjazza tal-Knisja, Triq Tarsu u Triq it-12 ta' Diċembru 1957. L-erba' toqob għall-arbli fi Triq Santa Dminka għadhom ma sarux peress li ser jiġi ċċekkjat jekk id-drenaġġ huwiex mgħoddi minn taħt fejn ser isiru dawn it-toqob. Sar xi *cement* fil-ġenb ta' Triq il-Kalkara tal-Ġir u f' parti minn Triq ta' Marżiena.

**10.00 Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

10.01 Iċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi kien skużat.

**11.00 Rapport tas-Sindku.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien attenda għal-laqgħa mal-Pulizija li ssir kull xahar. Magħhom iddiskuta dwar aktar *patrol* mill-Pulizija fi Ġnien il-Professur Ġużè' Aquilina u dwar il-bżonn li jkun hemm Pulizija stazzjonat fl-Għasses tal-Munxar u Ix-Xlendi. Il-Pulizija kienet mitluba tinvestiga dwar persuni bi trakk li serqu diversi biċċiet tal-ħadid mit-toroq u għelieqi fil-Munxar. Is-Sindku attenda għal-laqgħa dwar il-fondi 323 u 313 u għall-*Business Breakfast* organizzat mit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. F' dan il-*Business Breakfast* ġiet diskussa l-kollaborazzjoni bejn il-Kunsilli u t-Taqsima tal-Kultura.

11.02 Is-Sindku kien attenda għas-Serata Musico Letterarja fiċ-Circolo Gozitano. Ġew ippreżentati l-kartolini li jikkommemoraw il-mitt sena mit-twelid tal-Professur Ġużè' Aquilina. Anke' l-iskola ta' Sannat organizzat Serata biex jiġi kkommemorat il-Professur.

11.03 Is-Sindku wassal l-ilmenti lis-Segretarju Permanenti dwar xogħlijiet li huma pendenti mid-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp.
Xi wħud diġa' saru.

11.04 Is-Sindku kien ser jitlob laqgħa dwar ir-rotot ġodda tal-karozzi tal-linja tal-ARRIVA peress li hemm dubju jekk ir-rotta li talab il-Kunsill, jiġifieri li tal-linja li tinżel Ix-Xlendi tgħaddi mill-Munxar hijiex ser issir.

11.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-Munxar twaqqfet NGO bl-isem ‘Inħobbu lill-Munxar u Ix-Xlendi’. Din l-għaqda applikat għall-fond ta’ Eco-Gozo u ser jingħataw is-somma ta’ €50,000. B’ din is-somma hemm propost li jagħmlu:

- Tabelli ma’ postijiet ta’ interess.
- Kotba u DVD’s b’ diversi lingwi dwar Il-Munxar u Ix-Xlendi.
- Żewġ *Interactive Kiosks*.

Bħala Kunsill qed niġu mitluba sabiex nindikaw fejn hemm il-bżonn li jsiru tabelli u jiġi pprovdut l-*internet* għall-*Interactive Kiosks*.

**12.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

12.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħa tax-Xlendi Tower Management Committee, tqajjmet il-problema ta’ l-aċċess għat-Torri tax-Xlendi. Il-Kumitat żgur m’huwiex f’ pożizzjoni li tiġi akkwistata l-art u jikkompensa b’ €22,000. Għaldaqstant f’ din il-laqgħa ġie deċiż li l-Kunsill u Din l-Art Ħelwa jagħmlu talba lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dr. Jason Azzopardi sabiex l-aċċess għat-Torri jingħata bl-istess termini li ngħata t-Torri tax-Xlendi.

12.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li t-*Tender* għal *Patching* bil-*Hot Asphalt* għalqet l-ewwel sena. Huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġġedded għal sena oħra. Kien hemm qbil iżda ser tiġġedded wara li l-Kuntrattur jirranġa xi *patching* li sar ħażin xi żmien ilu.

**13.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

13.01 Is-Sur Patrick Grima staqsa dwar il-*patching* li kellu jsir fi Triq Żgħawri u Triq ix-Xatba. Is-Sindku informah li l-*patching* ser isir din il-ġimgħa peress li ser isir bil-ħaddiema u romblu tar-Roads Division. Il-Kunsill ser jixtri l-*cold asphalt* u jipprovdi t-trasport.

**14.00 Materji oħra.**

14.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret talba mingħand is-Sur Masini sabiex il-bankina li għandu fi Triq it-12 ta’ Diċembru 1957 issir bil-madum minflok dik li hija bil-konkos.

14.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li sal-Festa, ser isir il-*patching* fejn kien hemm ir-*road humps* u li nqalgħu.

Il-laqgħa spiċċat fl-4.00 ta’ filgħaxija u ġie miftiehem li l-laqgħa titkompla hekk kif nirċievu mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *Item* 5 ta’ l-Aġenda, Festa tal-Munxar 2011.

Il-Kunsill reġa' ltaqa' nhar it-Tnejn, 23 ta' Mejju 2011, fis-7 ta' filgħaxija.

Preżenti kien hemm; is-Sur Joseph Sultana – Sindku, s-Sur Mario Camilleri – Kunsillier, is-Sur Patrick Grima – Kunsillier u s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku u s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

Saret din il-laqgħa minħabba li kien hemm xi żviluppi rigward *Item* 5 ta' l-Aġenda, Festa tal-Munxar 2011.

Fil-laqgħa tas-27 t' April 2011 ġie deċiż li s-Sindku ser jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Huwa kiteb għall-approvazzjoni sabiex il-Kunsill Lokali tal-Munxar ikun jista' flimkien ma' l-Għaqdiet Lokali taż-Żgħażagħ u l-Grupp ta' l-Armar tal-Festa ntellgħu dawn l-attivitajiet fil-ġimgħa tal-Festa ta' San Pawl Nawfragu bejn il-25 ta' Mejju u d-29 ta' Mejju 2011. L-Erbgħa: Żgħażagħ *Fest*, il-Ħamis: Jum it-Tfal, il-Ġimgħa: l-Ikla Tradizzjonali u l-Attivita' ta' l-għeluq.

Id-Direttur talab konferma li l-attivita' ser tkun organizzata mill-Kunsill u li ser nimxu mar-regolamenti u proċeduri finanzjarji stabbiliti.

Id-Dipartiment talab stima ta' l-infieq u l-istima telgħet għal €2,319.50 fejn m'hemmx inkluż l-attivita' tal-Ġimgħa peress li ser ikun hemm il-pussess tal-Kappillan u m'hijiex ser issir l-Ikla Tradizzjonali. Fis-17 ta' Mejju 2011, il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment li sakemm il-Kunsill qiegħed f' pożizzjoni finanzjarja tajba, u hemm flus ivvutati għal din l-attivita' u l-ispiża fuq din l-attivita' mhux ser tkun a skapitu ta' l-operat finanzjarju tal-Kunsill, il-Kunsill jista' jagħmel din l-attivita'.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għal-laqgħa tal-Kunsill li saret fis-27 t' April 2011 fejn ġie deċiż li l-Festa tal-Munxar tixxandar *live* fuq l-*internet*. Huwa ssuġġerixxa li hemm lok fejn is-*sound* u l-*picture* jitjiebu u għalhekk hemm il-bżonn li jinxtara *sound mixer* u *video camera* sabiex tintuża fil-Knisja. Il-*mixer* jiswa €200 u l-*video camera* tiswa €410.25. Ser isiru wkoll xi tiswijiet fil-*wiring*.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 20 ta' Ġunju 2011, fis-6.00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Sultana** | **Anthony Grech** |
| ***Sindku.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |